**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 26.04.09: JUM L-46 KUNGRESS TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA** li din is-sena qiegħed ji ġi ċelebrat fil-Parroċċa tagħna.

**Fit-8.30a.m.** Mons. Isqof Mario Grech se jmexxi konċelebrazzjoni li tkun imxandra wkoll fuq Radju RTK għal Malta u Għawdex.

**Fil-5.00p.m.** jibda l-Korteo bl-istatwa tar-Ragħaj it-Tajjeb min ħdejn l-Iskola primarja lejn Pjazza Santa Margerita, akkompanjat mill-Banda Santa Margerita u mill-Iscouts. Waqt il-korteo jsir il-kant ta' l-innijiet tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla flimkien mal-Banda.

Fil-Pjazza jsir programm ta' tifħir lil Alla u anke diskorsi ta' l-okkażjoni, taħt il-presidenza ta' Mons. Isqof Mario Grech. Se jkun hemm libretti għal kulħadd biex wieħed ikun jista jsegwi u jieħu sehem ħaj fiċ-ċelebrazzjoni.

Fil-Pjazza jkun hemm siġġijiet għal kulħadd.

**NOTA:** ***Infakkru li llum l-quddiesa ta' filgħaxija ma' ssirx.***

**IT-TLIETA, 28.04.09: JUM IL-PARROCCA U JUM SANNAT**

**Fis-7.00p.m.** Konċelebrazzjoni biex bħala komunita' parrokkjali nroddu ħajr lil Alla għat-twaqqif tal-parroċċa u nitolbu għall-benefatturi mejtin.

Nistiednu lill-Komunita' Parrokkjali kollha biex tieħu sehem f'dan it-talb.

**IL-ĦAMIS, 30.04.09:** Lejliet l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar.

**Fis-7.15a.m.** ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.

**IL-ĠIMGĦA, 1.04.09: FESTA TA' SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM , PATRUN TAL-ĦADDIEMA KOLLHA.**

Illum hija wkoll l-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Ikun hawn Ġesu' Espost mit-8.00 sal-11.00a.m. u mis-2.30p.m. 'l quddiem. Nistieden lil kulħadd biex nagħtu tifħir u radd il-ħajr lil Ġesu' Sagramentat għal xi ftit tal-ħin tal-ġurnata.

**Fis-6.30p.m.** quddiesa bl-omelija dwar San Ġużepp u l-ħajja tax-xogħol, u jsir it-tberika tal-ħaddierma.

Dritt wara l-quddiesa toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp li tgħaddi mit-toroq Dun Xand Aquilina, Santa Marija, Ċenċ u Pjazza tal-knisja.

Waqt il-purċissjoni jsiru riflessjonijiet u talb għall-ħaddiema. U kif nidħlu l-knisja ssir t-Talba tal-Ħaddiem lil Alla u nieħdu l-Barka Sagramentali.

**Fit-8.30p.m**. Quddiesa għall-gradwati Għawdxin fil-knisja ta' Santu Wistin, Victoria.

**IL-ĦADD, 3.04.09: IR-RABA' ĦADD TA' L-GĦID.**
**JUM IL-VOKAZZJONIJIET**

Nitolbu ħafna għall-Vokazzjoni fil-Knisja u speċjalment fil-parroċċa tagħna

**PROGRAMM TAT-TBERIK TAL-FAMILJI.**

**It-Tnejn, 27.04.09:** Fis-2.30p.m. Triq Main minn Dun Anton Mizzi sal-familja ta' Anġlu Bajada.

**It-Tlieta, 28.04.09:** Fis-2.30p.m. L-aħħar parti ta' Main Street , Triq Bardan, Triq Gerxija u Triq l-Għaxra ta' Otturbu.

**PELLEGRINAĠĠ DJOĊESAN GĦAL FATIMA**

Mal-Bullettin qed inqassmulkom programm tal-Pellegrinaġġ Djoċesan għal Fatima u Santiago li se jkun immexxi minn Mons Isqof Mario Grech. Id-Dati se jkunu mill-25 ta' Awissu sa l-1 ta' Settembru 2009.

Min jixtiequ jiieħu sehem huwa mitluba li jibbukkja fl-Uffiċċju Parrokkjali. Dawk li diġa qaluli li se jiġu, xorta huma mitluba biex jiġu l-uffiċċju parrokkjali halli jikkonfermaw.

**HIGH TEA** fid-Dar Parrokkjali nhar it-Tnejn, 27 ta' April, fis-7.30p.m.